MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Numru 516/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Francis Pace**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Pace bin Coronato u Josephine nee` Mercieca, imwieled fit-2 ta' Apri 1959 u residenti fil-fond numru 60, American Paradise, Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 21659(G) li gie akkuzat talli nhar il-15 ta' Settembru 2011 ghal habta ta' 14:00hrs fi Triq il-Knisja, Xewkija, Ghawdex;

Bi ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet ai termini tal-Art 15(1) tal-A.L. 128

tal-2002 kif sussegwentement emendat bhala detentur tal-licenzja u ghalhekk persuna responsabbli mit-tmexxija tal-istabbiliment maghruf bhala ‘Tac-Calli’ li qieghed ix-Xewkija, pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment imsemmi minghajr permess mill-Awtorita` Kompetenti u dan ukoll bi ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja tal-imsemmi stabbiliment skont l-Artikolu 23(1) tal-A.L. 128 tal-2002 bi ksur tal-Artikolu 43(1)(b) Kap 409.

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-30 ta’ Novembru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15(1) u 23(1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002 u kif ukoll Artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputat Francis Pace hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta’ elf u mitejn euro (€1200).

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Francis Pace minnu prezentat fil-15 ta’ Dicembru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet ix-xhieda u fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2012 semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fil-15 ta’ Settembru 2011 il-Pulizija rceviet rapport li quddiem ix-Xewkija Youth Centre fi Triq il-Knisja, Xewkija, Ghawdex xi hadd kien hareg xi mwejjed u siggijiet barra fit-triq. Meta saret spezzjoni mill-Pulizija fuq il-post kien hemm l-appellant fuq il-post u kien hemm ukoll xi mwejjed u siggijiet fuq il-bankina ezattament barra l-Youth Centre. Irrizulta li l-istabbiliment kien licenzjat mal-Pulizija bhala klabb fuq isem l-appellant. Il-licenzja ta’ klabb kienet ukoll tawtorizza lid-detentur tal-licenza sabiex jopera bar ghall-membri li jkun hemm fil-klabb.

**7.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

1. l-appellant ma giex akkuzat li ma kellux licenzja izda li kiser il-licenzja ezistenti mentri l-prosekuzzjoni mkien ma pproduciet il-licenzja li jgawdi l-fond in kwistjoni liema licenzja, wahda tal-pulizija, giet esibita mill-appellant stess u ma hemm fiha ebda kundizzjoni bhal dik msemmija fl-imputazzjoni u ebda riferenza ghal xi mwejjed; ir-regolamenti applikabbli ghall-istabbiliment huma r-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni ta' Kazini (N.G. 505/1939) u dawn ma jipprovdu ghal ebda kondizzjonijiet dwar mwejjed u siggijiet u ghalhekk l-appellant qatt ma seta jinstab hati tal-akkuza;

2. il-Kap 409 ma japplikax ghal kazin u mkien ma gie pruvat li l-imwejjed u siggijiet in kwistjoni kellhom l-iskop imsemmi f'dak il-Kap.

Ikkunsidrat:

**8.** L-appellant ghandu ragun fuq **<u>l-ewwel aggravju</u>**. L-imputazzjoni mahruga kontra l-appellant takkuzah li "<u>bi ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja</u> li tippermetti t-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet" (sottolinear tal-Qorti) bhala detentur tal-licenzja u ghalhekk responsabbli mit-tmexxija tal-istabbiliment pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment minghajr permess tal-Awtorita' Kompetenti. Ma giet prezentata ebda licenzja li fiha xi kundizzjoni li tippermetti t-tqeghid ta mwejjed u siggijiet. Ma giet prodotta ebda prova li l-appellant kiser xi tali kundizzjoni ta' xi licenzja tali. L-uniku dokument li gie esibit u li jista' jitqies bħala xi forma ta' licenzja huwa c-Certifikat ta' Registrazzjoni ta' Kazini (Dok. X) li ma jikkontjeni ebda kundizzjoni dwar tqeghid ta' mwejjed u siggijiet. L-istess Certifikat jaghmel riferenza ghar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni ta' Kazini (N.G. 505/1939) izda wkoll dawk ir-regolamenti ma jaghmlu fihom ebda kundizzjonijiet dwar tqeghid ta' mwejjed u siggijiet. Ir-regolament 16 tal-istess regolamenti jirrendu applikabbli ghall-kazini bhal dak tal-appellanti ir-Regolamenti dwar ħwienet għall Bejgħ ta' l-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni u Diċenza Pubblika) (N.G. 392/1929) iżda dawn ir-regolamenti wkoll ma

jipprovdu ghal ebda kundizzjoni dwar mwejjed u siggijiet. Fiċ-ċirkostanzi, ghalhekk, l-appellant ma jistax jinstab hati tal-imputazzjoni kif dedotta.

**9.** Jidher li l-pulizija riedet takkuza lill-appellant bi ksur tar-regolament 15(1) tal-A.L. 128 tal-2002 kif imsemmi fit-tahrika izda dak ir-regolament ma jippostula ebda licenzja operattiva jew xi ksur ta' xi kundizzjoni ta' licenzja kif tippostula t-tahrika b'tali mod li minkejja x'seta kien il-hsieb tal-pulizija din il-Qorti ma tistax issib htija skont it-tahrika. Cerament jehtieg aktar reqqa fir-redazzjoni tat-tahrikiet mill-pulizija.

**10.** In vista tal-konkluzjoni hawn fuq raggunta ma hemm ebda htiega li din il-Qorti tikkunsidra wkoll it-tieni aggravju u l-Qorti ser tillimita ruhha f'dan ir-rigward filli tirrileva li r-regolament 15(1) tal-A.L. 128 tal-2002 japplika ghal kull "stabbiliment turistiku" u f'cirkostanzi idoneji ma jidhirx li jista' jigi eskluz li kazin jista' jikkwalifika bhala tali u jigi kolpit b'dak ir-regolament.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell tal-appellant Francis Pace billi thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-istess appellant minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------